MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru. 642/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Mario Bonello**
v

**JOSEPHINE CACHIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **JOSEPHINE CACHIA** mart Teddy, bint Anthony Farrugia u Maria nee Said, imwielda nhar s-sbatax ta' Mejju 1973 u residenti 'Cachia', Triq Ta' Luvier, Munxar, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 15573G, giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

1. nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2006, ghal habta ta' nofsinhar waqt li kienet fi Triq Ta' Luvier, Munxar, Ghawdex, voluntarjament kisret il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

2. talli verbalment w anke b'gesti ingurjat lil Antonius Jacobus Maria Denders mill-Munxar;

3. talli fil-pubbliku qalet kliem oxxen jew indicenti;

4. talli fl-istess data, hin u lok saqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBA 556 b'manjiera traskurata u perikoluza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil William Plant u PS 1346 Anton Schembri.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' PS 1346 Anton Schembri, l-okkorrenza relattiva w il-video tape esibit f'dan l-atti.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva li fuq l-appart taghha hija m'irnexxilhiex tara l-*video cassette* esibit, ghalkemm semghet l-konversazzjoni li kienet ghaddejja bejn l-imputata u terzi, fis-sens li semghet lil imputata tghajjar lil min kien hemm quddiemha b'ton aggressiv w ghal hafna u tghid kliem mhux xieraq w indirizzatu bhala 'f'….. ommok'

Illi Antonius Jacobus Maria Denders jghid li l-imputata kienet qed tindirizza lilu u tghajjat mieghu.

William Plant wkoll jikkonferma li l-imputata gabet ruhha waqt li ppruvat tipparkja u kien ghalhekk li hu gibed il-*video recording* li hemm esibit fl-atti. William Pant iddeskriva kif kienet qed isuq l-imputata u cioe li rriversjat ghal gol-karozza ta' Antonius Jacobus Maria Denders.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 338(bb)(dd) u 339(e) tal-Kap 9 u l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lil imputata JOSEPHINE CACHIA**

**hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha salv ghal akkuza ta' sewqan perikolu u tikkundanaha gal hlas ta' multa komplessiva ta' sebghin Euro (€70).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------